# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 29 ta' Ottubru 2015

Rikors Guramentat Nru. 26 / 14RGM

Kawza fil-lista: 30

**A B C; u**
**b'digriet tat-30 ta' April 2014 giet kjamata in kawza l-minuri D C;**
**u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014 gew nominati Dr Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi deputati ghall-istess minuri**
**vs**
**E F;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat minn A B C fit-18 ta' Frar 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija kellha relazzjoni mal-konvenut E F, minn liema relazzjoni kellhom tarbija li twieldet barra z-zwieg;

*2.* Illi mill-Att tat-twelid tat-tarbija, bin numru 5319, jirrizulta illi fil-kolonna tal-*"Isem* u *Kunjom* u *post tat-twelid tal-Missier"* gew registrati il-kliem *"unknown father"* ossia *missier mhux maghruf;*

3. Illi ghalkemm l-attrici interpellat lil konvenut diversi drabi sabiex jersaq ghar-rikonoxximent tal-attur bhala l-missier tal-istess minuri, filwaqt li anke jigu regolati l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-istess minuri, huwa baqgha inadempjenti;

4. Illi tali inkonsistenza fuq l-att tat-twelid tal-minuri qiegheda tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti u ghalhekk hija ghandha interess skont il-ligi sabiex ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-minuri.

Ghaldaqstant; l-esponenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-konvenut E F;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri huwa jikkancella l-kliem "unknown father" mill-kolonna tal-"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier" u jissostitwixxihom bil-kliem "E F (Pieta' Malta)".

3. Tordna lil-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri huwa jikkancella l-kliem "D C" mill-kolonna tal-"Isem il-Wild" u jissostitwixxihom bil kliem "D F";

4. Illi din l-inkonsistenza fl-Att tat-Twelid tal-minuri saret biss minhabba il-fatt li t-konvenut baqgha inadempjenti ghad-diversi interpellazzjonijiet li sarulu mill-attrici sabiex issir din il-korrezzjoni, u ghalhekk l-esponenti m'ghandiex tinkorri l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

U dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-2 ta’ April 2014 li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li tigi msejha fil-kawza l-minuri D C galadarba qed jintalab biex isiru tiswijiet fic-certifikat tat-twelid taghha; u li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

2. Illi preliminarjament ukoll l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jistieden lill-intimat E F sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji persona li kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita, (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri D (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex jigu eventwalment inseriti fl-Atti tat- Twelid tal-imsemmija minuri bin-numri ta' registrazzjoni 5319/2012;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri D a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E F pprezentata fis-16 ta’ Marzu 2015 li taqra kif gej:-

Illi preliminarjament, l-esponenti umilment jissottometti illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, bejnhu u r-rikorrenti stess ma kien hemm l-ebda relazzjoni;

Illi sa sitt (6) xhur waqt it-tqala, l-esponenti kien jakkumpanja lir-rikorrenti ghand it-tabib pero wara nqata kull kuntatt bejn l-istess partijiet;

Illi hmistax-il (15) gurnata wara t-twelid tat-tarbija, l-esponenti kien saqsa lir-rikorrenti sabiex isiru t-testijiet genetici sabiex jigi stabbilit jekk l-esponenti huwiex il-missier naturali tal-minuri izda r-rikorrenti irrifjutat li taghmel tali testijiet u procediet li tirregistra l-minuri bhala 'missier mhux maghruf. llli assolutament ma huwiex minnu li r-rikorrenti qatt saqsiet lii esponenti sabiex jirrikonoxxi lit-tarbija bhala bintu;

Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni li joqghod ghat-testijiet genetici kollha necessarji;

Illi in vista tal-fatt li ftit jiem biss wara t-twelid tat-tarbija l-esponenti kien talab lir-rikorrenti sabiex jaghmlu t-testijiet genetici relattivi u in vista tal-fatt li r-

rikorrenti oggezzjonat u marret u registrat lit-tarbija rnad-Direttur tar-Registru Pubbliku bhala missier mhux maghruf meta kienet ben konsapevoli min hu l-missier naturali, l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati pprezentata fis-17 ta’ Marzu 2015 li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat l-evidenza prodotta.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Permezz ta’ digriet moghti fit-23 ta’ April 2015 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar bhala espert gudizzjarju sabiex thejji rapport tad-DNA.

Fis-6 ta’ Gunju 2015 Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA li jiccertifika illi l-konvenut E F huwa l-missier naturali tal-minuri D C.

Fl-24 ta’ Gunju 2015 il-konvenut E F ipprezenta nota bil-konnotati kollha tieghu.

Kif qal fir-risposta guramentata tieghu il-konvenut kien lest li jigi rikonoxxut bhala misier il-minuri purche’ jsir it-test tad-DNA sabiex il-paternita’ tieghu tigi certifikata b’mod indipendenti u xjentifikament.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob illi ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid *de quo* u minflok il-kliem “unknown father” jitnizzel isem il-konvenut Fernando Sammut.

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta’ iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f’kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta’ dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

**Artikolu 70A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel - (a) il-missier jista’ jeħtieġ lill-omm u lit-tifel; (b) l-omm tista’ teħtieġ lill-missier u lit-tifel; (ċ) it-tifel jista’ jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat missier naturali jista’ jeħtieġ*

*lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

**Arikolu 100A tal-Kap. 16:** *'F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal examijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.'*

Gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut F huwa missier il-minuri u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Dwar il-kap tal-ispejjez il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut F kellu kull dritt jesigi illi qabel jaghmel dikjarazzjoni li huwa missier il-minuri jisr test tad-DNA. Jirrizulta li kienet l-istess attrici illi irrifjutat li jsir tan it-test ta-DNA qabel giet intavolata l-kawza.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs mill-attrici u nofs mill-konventu F.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposti tal-konvenuti,

1. Tilqa't-talbiet attrici kif dedotti.

2. Tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri D jitnizzlu l-konnotati kolllha tal-konvenut E F kif jirriultaw min-nota li tinsab a fol. 46 tal-process.

Bl-ispejjez in kwantu ghal nofs jithallsu mill-attrici A B C u in kwantu ghan-nofs jithallsu mill-konvenut E F.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**